MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 402/2005/1

**Angelo Debono**

**v.**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezenta l-attur fis-27 ta' April, 2005, u li taqra hekk:
"Peress illi l-attur huwa impjegat fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, u dan bhala, *senior enforcement officer*;

“Peress illi fl-14.10.2003, l-attur kien infurmat illi l-Bord ta’ Dixxiplina, fi hdan l-Awtorita` konvenuta, kien ittermina l-impjieg ta’ l-attur, u dan per konsegwenza ta’ passi dixxiplinarji li l-attur qatt ma ippartecipa fihom bhala parti;

“Peress illi l-attur interpona appell minn din id-decizjoni abbazi tal-fatt, fost sottomissjonijiet ohra, illi d-dritt naturali tieghu ta’ smigh xieraq kien miksur bil-kbir, quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina;

“Peress illi il-Bord ta’ l-Appell, fi hdan l-Awtorita` konvenuta, permess ta’ decizjoni li ta fit-13 ta’ April 2005, sab illi l-appell ta’ l-attur kien wiehed gustifikat, u b’hekk annulla id-decizjoni ta’ l-ewwel Bord. Illi inoltre l-Bord ta’ l-Appell mar oltre u ordna li l-atti, jergghu jigi mibghuta mill-gdid lill-Bord ta’ Dixxiplina, u dan il-Bord ta’ l-ahhar kellu jerga’ jisma l-kaz sat-12 ta’ Mejju 2005;

“Peress illi l-agir tal-Bord ta’ l-Appell fi hdan l-Awtorita` konvenuta permezz ta’ l-ordni moghtija fid-decizjoni tat-13 ta’ April 2005, huwa att amministrattiv u huwa *ultra vires* u dana peress, illi l-istess ordni tmur kontra l-ligi, u inoltre hija abbuz ta’ l-istess Awtorita` konvenuta stante li l-ordni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti. Illi dan qed jinghad peress illi il-Bord ta’ l-Appell fi hdan l-Awtorita` konvenuta, kellu sabiex ikun korrett fid-decizjoni tieghu, jilqa’ l-appell intavolat mill-attur, u jieqaf hemm bhala decizjoni. Illi din id-decizjoni ma kellha qatt tkun wahda li ggib nullita` peress illi l-ksur tad-drittijiet ta’ l-attur quddiem l-ewwel Bord kienu lampanti u jiksru d-drittijiet tal-Gustizzja Naturali;

“Tghid ghalhekk l-Awtorita` konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“(i) tiddikjara null, invalidu u minghajr effett l-eghmil tal-konvenuti, u dana kwantu ghad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell fi hdan l-Awtorita` konvenuta tat-13 ta’ April 2005, u dan ai termini ta’ l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“(ii) tordna li konsegwentament jigt dikjarat li d--decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina (14 ta’ Ottubru 2003) fi hdan l-Awtorita` konvenuta jmur kontra l-Principji ta’ Gustizzja Naturali, kwantu ghal fatt illi l-attur ma nghatax smigh xieraq.

“Bl-ispejjez u l-Awtorita` konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“Illi preliinarjament, kif jidher ukoll mill-fatt illi l-attur stess ma ghamilx referenza ghall-istess, il-proceduri huma nulli stante li ma kienx hemm interpellanza gudizzjarja precedenti ai termini ta’ l-Art 460 tal-Kap 12.

“Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju l-pretenzjonijiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda stante li huma bazati fuq premessi ghal kollox zbaljati, stante li l-Bord ta’ Appell li ddecieda l-kaz *de quo* kellu kull dritt jirritorna l-atti lill-Bord ta’ Dixxiplina, peress illi ma hemm ebda restrizzjoni fuq il-poteri tal-Bord ta’ Appell.”

Rat illi fl-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fil-31 ta’ Jannar, 2006, giet irtirata mill-Awtorita` konvenuta l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha:

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Ottubru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“Ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta’ l-Awtorita` intimata. Tiddikjara nulla l-ordni li ordnat li l-kaz jigi riferut lura lill-Bord tad-Dixxiplina.

“Tiddikjara li d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-14 ta’ Ottubru 2003 imur kontra l-principju tal-gustizzja naturali minhabba li l-attur ma nghatax smigh xieraq (li *per altro* dan kien gja gie dikjarat mill-Bord ta’ l-Appelli).

“Fic-cirkostanzi spejjez bla taxxa.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**C. PROVI:**

“Rat li fit-12 ta’ Dicembru 2005 Dr. Farrugia ghall-attur, b’referenza ghall-ewwel eccezzjoni ta’ l-Awtorita` konvenuta (fol 12), u b’referenza ghall-artikolu 460 tal-Kap 12, iddikjara li f’dawn il-proceduri kien gie prezentat Mandat ta’ Inibizzjoni numru 753/05 li gie akkordat minn din il-Qorti u li ghalhekk kif stabbilit bil-procedura ta’ l-art 460 tal-Kap 12, subartikolu 2, l-applikazzjoni tal-procedura tal-Kap 12 mhux applikabbli. F’dik l-okkazjoni l-konsulent legali ta’ l-Awtorita` iddikjara li jrid zmien xahar biex jivverifika jinsistix fuq din l-ewwel eccezzjoni.

“Fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2006, il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk l-eccezzjoni li fadal hija biss it-tieni wahda u cioe` rigwardanti l-mertu fejn l-Awtorita` tinsisti li l-pretensjonijiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda ghax bazati fuq premessi zbaljati minhabba li l-Bord ta’ l-Appell kellu kull dritt jirritorna l-atti lill-Bord ta’ Dixxiplina ghax ma hemmx restrizzjonijiet fuq il-poteri tal-Bord ta’ l-Appell.

“Gie prezentat affidavit ta’ Angelo Debono li fih issemma li hu jahdem mal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku sa mill-1991 u l-ahhar li kien xoghol kien bhala *senior enforcement officer*. Semma li qabel l-2003 qatt ma kellu kaz ta’ dixxiplina. Quddiem il-Bord kien assistit mis-Sur Joe Grillo, ufficjal fi hdan il-UHM, li peress li f’seduta minnhom hass li xejn ma hu miexi sew iddecieda li jitilqu ’l barra. Appella mid-decizjoni fejn sostna li ma kienx qed jigi rispettat id-dritt ghal smigh zieraq. Sostna li l-Bord ta’ l-Appelli iddecieda li kien hemm ragunijiet serji li l-ewwel Bord mexa hazin u flok illiberah wara dan iz-zmien kollu, annulla d-decizjoni li kien hemm mill-ewwel Bord u rega’ irrimetta l-kaz quddiem l-istess Bord ta’ Dixxiplina. Hass din bhala ingustizzja u ghadu mcahhad sal-lum milli jidhol lura ghax-xoghol.

“Xehed Dr. Angelo Farrugia u qal li hu kien deher ghall-attur quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Awtorita` u kien gie

konstatat li kienu nstemghu certu xhieda quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u ma kienx hemm id-dritt tal-kontro ezami. Kien ghalhekk li l-Bord ta' l-Appell iddeciedi li l-Bord ta' Dixxiplina mexa hazin u d-decizjoni tieghu kellha tigi annullata. Sostna li b'sorpriza l-Bord ta' l-Appell rega' irrimetta l-kaz quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

"Xehed Joe Grillo li semma li fiz-zmien in kwistjoni kien Assistent Segretarju Generali fil-UHM u s-Segretarju Responsabbli mill-Korpijiet tat-Trasport u Avjazzjoni. Hu kien irrapprezenta lill-attur fil-proceduri. Fil-Bord kien hemm Ray West (*Chairman*), Louis Cuschieri u persuna ohra. Semma li fil-kors tal-proceduri stess, xi hadd mill-Bord ikkummnta li l-attur ghandu jitkecca u dan meta anqas biss kienu nstemghu l-provi, u ghalhekk hass li dan kien Bord ivvizzjat ghax ma setax jaccetta li persuna li qed jirrapprezenta hu tidher quddiem Bord li membru tieghu jghaddi kumment bhal dan qabel ma nstemghu l-provi, u talab li jinhatar Bord indipendenti. Ghalhekk kien qal lill-attur biex johorgu 'l barra, u l-attur kien obda. Xorta wahda baqghu jinstemghu l-provi u l-Bord li hu kien talab li ma jismax il-kaz ghax kien gja ippregudikat ha d-decizjoni tieghu f'dawk ic-cirkostanzi. Wara d-decizjoni tal-Bord sar appell u f'din l-okkazjoni ma kienux haddiema ta' l-Awtorita` tat-Trasport kif kienu Louis Cuschieri u Ray West. L-istess membri tal-Bord xehdu quddiem il-Bord ta' l-Appell, ul-Bord ta' l-Appell iddeciedi li l-mod kif mexa l-Bord ta' Dixxiplina kien skorrett. Zied jghid:
"Il-bord ta' l-appell zgur li kien iddecieda li l-mod kif mexa l-ewwel bord kien skorrett u ghaldaqstant ghandu jerga' jidhirli jinstema xi bord *to that effect*, xi haga li ghalija bhala persuna li kont nirrapprezenta lill-haddiema ghal diversi snin, hija xi haga illi ma kinitx sewwa, fis-sens iIIi normalment meta bord jinstab li agixxa inkorrett fil-konfront ta' persuna, dik il-persuna qatt ma ghandha terga' tinstema' quddiem bord iehor kompost minn xi hadd iehor jew inkella xi haga ohra, jekk ovjament mhux fuq talba tal-persuna stess jew inkella tal-persuna stess jew inkella ………… Ma tistax inti tkun tajt sentenza u s-sentenza tkun skorretta u imbghad xi bord ta' l-appell jiddeciedi li terga' tmur ghand bord iehor. Il-bord ta' l-appell suppost kellu responsabbilta`… Mela l-Bord ta' l-

Appell suppost ddecieda jekk Angelo Debono kellux ragun illi jagixxi kif agixxa u allura ma jehel xejn jew inkella jekk Angelo Debono kellux tort u allura jigi sospiz u jiehu piena u mhux piena. Pero` l-bord ta' l-appell kien ghazel li jghid li l-ewwel bord kien skorrett bil-mod kif agixxa u dan ghandu jerga' jmur quddiem bord iehor, jew inkella jerga' jmur quddiem bord, pero` dik hija xi haga li normalment ma ssirx."

"Xehed Dr. Ray Zammit u qal li hu kien ippresjeda l-Bord ta' l-Appell fi hdan l-Awtorita` Dwar it-Trasport dwar appell ta' dixxiplina ta' l-attur Angelo Debono wara li l-kaz tieghu kien instema' quddiem bord ta' dixxiplina fi hdan l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta u b'decizjoni ta' l-10 ta Ottubru 2003 huwa kien gie infurmat bil-miktub li kien gie terminat lilu x-xoghol b'effett mill-14 ta' Ottubru 2003. Il-Bord ta' l-Appell li hu kien ippresjeda flimkien ma' zewg persuni ohra b'sentenza li ta fit-13 ta' April 2005 sab li l-attur, l-appell tieghu kien gustifikat jappella u huma annullaw id-decizjoni ta' l-ewwel bord ta' dixxiplina. Ikkonferma li l-Bord ta' l-Appell qal li kien ser jerga' jibghat l-atti mill-gdid lill-Bord ta' Dixxiplina fi hdan l-Awtorita` biex dan jerga' jisma' l-kaz. Meta iddecieda hekk ftakar illi l-attur fetah il-proceduri fil-kaz in kwistjoni quddiem il-Prim'Awla.

"Xehed Louis Cuschieri li semma li kien fil-Bord ta' Dixxiplina ta' l-attur. Semma li fl-ewwel Bord l-attur kien assistit minn Joe Grillo li f'hin minnhom telaq 'il barra u li komplew jisimghu x-xhieda fl-assenza ta' l-attur u tas-Sur Grillo.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Kif issemma hawn fuq fil-bidu ta' pagna 5, il-konsulent legali ta' l-Awtorita` konvenuta ma baqax jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni, u ghalhekk din trid titqies li spiccat. Dan iwassal ghal li din il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-Bord ta' l-Appell li quddiemu deher l-attur fil-kors ta' proceduri dixxiplinarji kellux il-poter li minflok jiddeciedi l-kwistjoni hu stess, jirrimetti lura l-atti biex ikun hemm decizjoni mill-Bord ta' Dixxiplina li minnu sar l-appell ta' l-attur.

"Jinghad mill-bidu li dak li iddecieda l-Bord tad-Dixxiplina kien manifestament kontra l-principju tal-gustizzja naturali u sewwa ghamel il-Bord ta' l-Appell li hassar dik id-decizjoni. Ghalhekk mhux lok ghal ezami ulterjuri tad-depozizzjonijiet jew x'sar quddeim il-Bord ta' Dixxiplina, ghax l-istampa li ghandha quddiemha din il-Qorti hija x'kellu jaghmel il-Bord ta' l-Appell fic-cirkostanzi meta sab li gew vjolati l-principji naturali tal-gustizzja mill-Bord ta' Dixxiplina. Kif jghid il-konsulent legali tas-socjeta` konvenuta, il-korp ta' *review* jrid jezercita l-poteri tieghu biex jaghti dritt reali lil min jirrikorri lejh. Il-kwistjoni hija jekk dak li ta l-Bord ta' l-Appell u cioe` li l-Bord jerga' jisma' l-provi mill-gdid (u hawn ta' min jirrimarka li ebda parti ma esebiet il-kopja tad-decizjoni ta' l-imsemmi Bord u dan certament kien ikun ahjar milli jigu prodotti l-hafna xhieda li gew), hux dak li ssemmi l-ligi.

"Wiehed ghalhekk irid jezamina l-Kapitolu 332 biex jara jekk hemmx xi haga f'dan ir-rigward, u kien ikun aktar utli li kieku l-kwistjoni giet indirizzata minn dan l-angolu aktar milli l-aspetti l-ohra li gew indirizzati. L-imsemmi kapitolu jitkellem dwar il-Bord ta' l-Appelli Dwar it-Trasport fl-artikolu 31 *et* u jidhol biex fis-subartikoli 14 sa 16 jispecifika aktar dawk il-poteri. Infatti nsibu:
""(4) Persuna ma tikkwalifikax biex tinhatar, jew biex tibqa', membru tal-Bord ta' Appelli jekk dik il-persuna tkun:
(*a*) Membru tal-Kamra tad-Deputati; jew
(*b*) ufficjal pubbliku.

"(5) Ic-*chairperson* u l-membri tal-Bord ta' Appelli ghandhom
jibqghu fil-kariga ghal perjodu ta' tliet snin, u jkunu jistghu jergghu jinhatru f'dik il-kariga.
"(6) Ic-*chairperson* jew membru tal-Bord ta' Appelli jista' jaghti r-rizenja tieghu b'ittra indirizzata lill-Ministru."

"Jinghad fost affarijiet ohra li appelli ghandhom isiru skond ir-regoli li hemm fit-Tieni Skeda u fin-nuqqas ta' regoli dwar xi materja l-Bord ta' l-Appelli jista' jirregola l-procedura tieghu stess. Sfortunatament dan ma jwassalx ghal stampa cara ta' dak li ghandu jsir. Minn ezami tat-

Tieni Skeda jirrizultaw diversi dispozizzjonijiet legali, izda forsi l-aktar wahda cara hija dik enuncjata fl-artikolu 7 ta' l-imsemmija skeda. Din tintitola lill-Bord ta' l-Appelli jkollu setgha li jikkonferma, jhassar jew ibiddel decizjoni li kontra taghha jkun sar l-appell u li jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa.

"Ghalhekk il-Bord ta' l-Appelli seta' jikkonferma, jhassar jew ibiddel id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Imkien ma jinghad li l-Bord ta' l-Appell seta' jibghat lura l-process lill-Bord tad-Dixxiplina biex jerga' jibda mill-gdid minhabba ksur tar-regoli ta' principji naturali. Fl-istess waqt pero` l-Qorti thoss id-dover taghha li tiddikjara r-rispett kbir li ghandha lejn il-Bord ta' l-Appelli li jaghmel xogholu b'mod ezemplari u ghax hass il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali b'ebda mod ma qaghad lura mid-doveri tieghu. Wara kollox ta' min isemmi li l-istess artikolu 7 ta' l-iSkeda jikkontempla wkoll li l-Bord ta' l-Appelli jista' jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa, u fis-subartikolu 15 ta' l-artikolu 31 tal-Kap 332 jispecifika li l-Bord ta' l-Appelli jista' jirregola l-procedura tieghu stess. Il-Qorti ghalhekk tissimpatizza ferm mal-Bord ta' l-Appelli li f'zelu ta' adozzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali ma riedx itellef dak komunement maghruf bhala d-*doppio esame*, izda li fil-kaz partikolari minflok gid jarreka hsara lill-attur li ilu ghaddej minn ansjeta` fuq dan il-problema mill-14 ta' Ottubru 2003. F'dan il-kuntest din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 ghandha l-gurisdizzjoni biex tistharreg il-validita` ta' xi ghemil amministrattiv u taht dan l-aspett il-Qorti ghandha dan l-obbligu.

"Dan kollu jwassal biex il-Qorti thoss l-obbligu li tiddikjara li kif inhi formulata l-ligi (il-Kap 332) ma jidhirx sufficjentement car li hu fl-interess ta' l-attur li l-kaz kellu jerga' jintbaghat lill-Bord, aktar u aktar jekk dan kellu jkun immexxi minn xi whud mill-istess persuni li mexxew l-istess Bord.

"Hawnhekk wiehed forsi jista' jghid li s-sens komun jghidlek li jkun logiku li l-Bord ta' l-Appelli ma jismax hu stess il-provi inizzjali izda jirreferixxi l-kaz lill-Qord tad-Dixxiplina biex ihalli l-fakulta` lil kull parti li tappella

quddiemu in segwitu. Izda l-kompitu ta’ l-Imhallef mhux li jillegizla izda li jiggudika skond il-ligijiet ezistenti, ghalkemm b’interpretazzjoni necessarja, u ghalhekk dak li mhux imsemmi mil-ligi (li l-kaz jigi riferut lura lill-Bord tad-Dixxiplina) ma jistax fil-fatt isir.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha
“tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta, tichad it-talbiet tal-attur.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.“

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-Awtorita` konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet:

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f’din il-kawza jirrizulta li gie terminat l-impieg tal-attur fi hdan l-Awtorita` konvenuta, u dan wara li ttiehdu kontrieh passi dixxiplinarji, f’liema proceduri, pero`, l-attur ma ppartecipax. L-attur appella mid-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta ghal quddiem il-Bord tal-Appell fi hdan l-istess Awtorita`, u dan il-Bord, b’decizjoni li ha fit-13 ta’ April, 2005, annulla d-decizjoni li kienet hadet l-Awtorita` konvenuta fil-konfront tal-attur; il-Bord tal-Appell sab li l-Bord ta’ Dixxiplina fi hdan l-Awtorita` konvenuta kien agixxa bi ksur tal-principji ta’ gustizzja naturali. Il-Bord tal-Appell ordna li l-atti jigu mibghuta mill-gdid lill-Bord ta’ Dixxiplina biex dan jisma’ u jiddeciedi l-kaz skont il-ligi.

L-attur qed jilmenta minn din l-ahhar ordni ghax, skont hu, il-Bord tal-Appell kellu jilqa’ l-appell intavolat mill-attur, “u jieqaf hemm bhala decizjoni”.

L-ewwel Qorti laqghet is-sottomissjoni tal-attur wara li qieset li l-Bord tal-Appell kellu l-poter biss li jikkonferma, jhassar jew ibiddel id-decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina, u mhux ukoll li jirrimetti l-atti lura lill-Bord tad-Dixxiplina biex dan jikkonsidra l-kaz skont il-ligi.

Minn din id-decizjoni appellat l-Awtorita` konvenuta u sostniet li l-Bord tal-Appell kellu s-setgha jagixxi kif ghamel peress li dak il-Bord ma hassarx id-decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina fuq konsiderazzjonijiet li jolqtu l-meritu, izda peress li ma kienx ta smiegh xieraq lill-attur.

Din il-Qorti tibda biex tirriafferma l-principju li decizjoni amministrattiva li tista’ taffettwa l-hajja ekonomika ta’ persuna trid tittiehed biss wara li dik il-persuna tinghata opportunita` ssemma’ lehinha u tiddefendi l-interessi taghha. Anke meta l-ordni jew decizjoni ma tistax tigi fil-meritu attakkata, tibqa’ dejjem il-funzjoni tal-qrati ordinarji li jissindikaw, tal-anqas, il-procedura uzata u li d-decizjoni tittiehed wara konsiderazzjoni xierqa taz-zewg partijiet fil-kawza. Id-dritt li dak li jkun jinghata smiegh qabel ma jigi ggudikat huwa importanti tant li gia` fil-kawza **Cooper v. Wandsworth Board of Works**, deciza fl-Ingilterra fl-1863, Byles J. kien qal li:
“*Although there are no positive words in a statute, requiring that the party shall be heard, yet the justice of the common law will supply the omission of the legislature.*”

Tant hu importanti dan id-dritt li gie deciz fl-1971 ukoll fl-Ingilterra fil-kaz **Edward v. SOGAT**, li:
“*Any agreement or practice to the contrary would be invalid.*”

Ghalhekk, darba li f’dan il-kaz kien jirrizulta illi l-attur ma nghatax smiegh xieraq mill-Bord ta’ Dixxiplina fi hdan l-Awtorita` konvenuta, ghamel sew il-Bord tal-Appell li hassar u annulla d-decizjoni relattiva.

Dan ma jfissirx, pero`, li l-kaz ghandu jieqaf hawn. Darba li decizjoni tithassar, il-Bord jew Tribunal li jkun ha dik id-

decizjoni jista' jerga' jikkonsidra l-kaz. Fil-fatt, f'dan il-kaz, il-Bord tal-Appell ghandu l-poter, wara li jaghti decizjoni, "jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq", u f'dan il-kaz ta ordni, naturali fic-cirkostanzi, biex il-kaz jigi trattat mill-gdid mill-Bord ta' Dixxiplina, din id-darba b'rispett ghar-regoli ta' gustizzja naturali. Il-Bord tal-Appell ma ddecidix il-meritu tal-kaz, u halla l-istess impregjudikat, u sta issa ghall-Bord ta' Dixxiplina biex jisma' l-kaz mill-gdid u kif trid il-ligi. Din kienet ukoll il-posizzjoni li hadet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Schembri v. Enemalta** deciza fl-1 ta' Novembru, 2006. Hekk ukoll osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Bashshar v. Ministru tal-Affarijiet Barranin et** deciza fis-26 ta' Frar, 2013, fis-sens li:
"*it-thassir ta' decizjoni min-naha tal-Qorti jgib biss li l-istess Qorti terga' tghaddi l-kaz ghas-smiegh lil dik l-awtorita` ghall-konsiderazzjoni mill-gdid tal-kaz.*"

Li din hija l-konsegwenza naturali li tohrog mid-decizjoni ta' thassir minhabba ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, jirrizulta wkoll fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade & C.F. Forsyth (Oxford, 7th Edit. pagna 549) fejn jghid hekk a propositu:
"*What is an administrative authority to do if it has failed to give a fair hearing, so that its decision is quashed or declared void? It still has the duty to give a proper hearing and decide the case, but it has prejudiced itself by is defective decision, which it may well have defended in legal proceedings. It cannot be fair procedure to take a decision first and hear the evidence afterwards, even though the first decision is legally a nullity. But usually the only possible course is for the same authority to rehear the case. For that authority will be the only authority with statutory power to proceed, and there is therefore 'a case of necessity' of the kind we have already met. In the case of a tribunal with variable membership the court may order the hearing to be held by a differently constituted tribunal.*

*"It was acknowledged in Ridge v. Baldwin that, if there was no such alternative, the original body would have to reconsider the case as best it could. Lrd Reid said.*

*"… if an officer or body realises that it has acted hastily and reconsiders the whole matter afresh, after affording to the person affected a proper opportunity to present his case, then its later decision will be valid.*"

Kwindi, ghamel sew il-Bord tal-Appell li baghat lura l-atti lill-Bord ta' Dixxiplina biex dan jaghti "*a proper hearing and decide the case*". Jekk jista' jkun, il-membri tal-Bord ghandhom ikunu differenti peress li dawk li "ddecidew" fuq il-kaz gia` esprimew il-fehma taghhom fir-rigward – salv l-applikazzjoni tad-duttrina ta' "necessita" jekk hu impossibbli li l-Bord, ghal dan il-kaz, ikun kompost b'membri differenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------